

Brussell, 30 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

11355/26

COH 127
FIN 992
ECOFIN 960
SOC 468

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	30 ta' Ġunju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 317 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL Rapport Annwali tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea għall-2023

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2026) 317 final.

Mehmuż: COM(2026) 317 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.6.2026
COM(2026) 317 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

Rapport Annwali tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea għall-2023

WERREJ

Introduzzjoni	2
Applikazzjonijiet irċevuti fl-2023:	2
Finanzjament	6
Reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-27	6
Għeluq	7
Konklużjonijiet.....	7

INTRODUZZJONI

L-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea¹ ("ir-Regolament") jistipula li l-Kummissjoni trid tippreżenta rapport dwar l-attività tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE ("FSUE") fis-sena preċedenti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Dan ir-rapport għalhekk jiddeskrivi l-attivitajiet tal-FSUE fl-2023. Dan jiġbor fil-qosor (i) l-applikazzjonijiet li waslu, (ii) il-kontribuzzjonijiet finanzjarji proposti u approvati, u (iii) il-każijiet magħluqa matul il-perjodu ta' rapportar tas-sena kalendarja 2023. Il-Kummissjoni vvalutat l-applikazzjonijiet kollha skont il-kriterji stabbiliti fir-Regolament.

Fl-2023, il-Kummissjoni rċeviet **ħames applikazzjonijiet** ġodda għal kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-FSUE, jiġifieri mill-Greċja (għargħar), mill-Italja (għargħar fir-reġjun tal-Emilia-Romagna), mill-Awstrija (għargħar), mis-Slovenja (għargħar) u mit-Turkija (terremot). Erba' applikazzjonijiet kienu jikkonċernaw "diżastri naturali maġġuri", u waħda kienet tikkonċerna "diżastru naturali f'pajjiż ġar". L-applikazzjonijiet kollha ġew ivvalutati bħala eliġibbli skont il-kriterji fir-Regolament.

L-Italja, is-Slovenja u l-Greċja talbu ħlasijiet bil-quddiem. Fi żmien ftit ġimġhat minn meta rċeviet l-applikazzjonijiet, il-Kummissjoni tat il-pagamenti bil-quddiem kollha u ħallset total ta' madwar EUR 220,09 miljun.

Fil-każ tat-terremot fit-Turkija, id-deċiżjoni ta' implimentazzjoni ġiet adottata f'Novembru 2023 u l-Ftehim ta' Delega ġie ffirmat fi Frar 2024. Id-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni dwar l-erba' applikazzjonijiet l-oħra li nnekkew fl-2023 (il-Greċja, l-Italja, l-Awstrija, is-Slovenja) ġew adottati f'Novembru u Diċembru 2024. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għalqet żewġ każijiet tal-FSUE fl-2023.

L-Anness I jelenka l-limiti ta' ħsara ta' "diżastru naturali maġġuri" applikabbli fl-2023 għall-mobilizzazzjoni tal-FSUE. L-Anness II jippreżenta ħarsa ġenerali tal-applikazzjonijiet irċevuti fl-2023, inkluża l-informazzjoni finanzjarja relevanti.

APPLIKAZZJONIJIET IRĊEVUTI FL-2023:

Il-Kummissjoni rċeviet ħames applikazzjonijiet għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FSUE fl-2023. Dawn kollha waslu għand il-Kummissjoni fi żmien l-iskadenza legali ta' "mhux aktar tard minn 12-il ġimġha wara l-ewwel okkorrenza tal-ħsara" (l-Artikolu 4(1) tar-Regolament). Erba' applikazzjonijiet kienu jikkonċernaw "diżastri naturali maġġuri" u waħda kienet tikkonċerna "diżastru naturali f'pajjiż ġar".

It-tabelli finanzjarji dettaljati dwar dawn l-applikazzjonijiet jinsabu fl-Anness II ta' dan ir-rapport.

IT-TURKIJA - TERREMOTI

Fis-6 ta' Frar 2023, żewġ terremoti kbar b'intensità ta' $7.8M_w$ u $7.5M_w$ laqtu² n-Nofsinhar tat-Turkija fir-reġjun ta' Kahramanmaraş, qrib il-fruntiera mat-Tramuntana tas-Sirja. Fl-20 ta' Frar 2023, terremoto qawwi ieħor b'intensità ta' $6.3M_w$ laqat il-provinċja ta' Hatay. Dawn it-

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3) kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 661/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 (ĠU L 189, 27.6.2014, p. 143) u bir-Regolament (UE) 2020/461 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Marzu 2020 (ĠU L 99, 31.3.2020, p. 9).

² M_w - l-iskala tad-daqs sismiku "Richter" jew l-iskala tad-daqs tal-mument.

terremoti kbar ħolqu ħsara mifruxa u ħasdu għexieren ta' eluf ta' ħajjiet. Kien hemm aktar minn 10 000 skoss fit-tliet ġimgħat li segwew. Telf materjali sinifikanti ġġarrab fi 11-il provinċja. Skont il-valutazzjoni tal-ħsara, kważi miljun binja kienu ħsara, li minnhom madwar 280 000 ikkollasaw jew ġarrbu ħsara severa. It-terremoti għamlu ħsara kbira lit-toroq, lill-ferroviji, lill-komunikazzjoni, lill-enerġija, lin-netwerks tal-provvista tal-gass naturali u lill-infrastruttura tal-ilma. Huwa stmat li 14-il miljun persuna, jew 16 % tal-popolazzjoni Torka, ġew affettwati.

Fix-xhur ta' wara d-diżastru, ġew stabbiliti 332 belt tat-tined u 189 belt tal-kontejners fir-reġjun milqut. Kważi 1,6 miljun persuna ngħataw kenn ta' emerġenza fir-reġjun milqut mit-terremot. Fi provinċji oħra, 330 000 ċittadin affettwati mid-diżastru ngħataw akkomodazzjoni. Barra minn hekk, mill-madwar 3,5 miljun Sirjan li jgħixu taħt protezzjoni temporanja fit-Turkija, aktar minn 1,7 miljun kienu qed jgħixu fir-reġjun affettwat.

Fl-20 ta' April 2023, it-Turkija ppreżentat applikazzjoni għal kontribuzzjoni mill-FSUE għall-finanzjament ta' operazzjonijiet ta' emerġenza u ta' rkupru wara t-terremoti. Peress li t-Turkija hija involuta fin-negozjati tal-adeżjoni mal-UE, kienet eliġibbli biex tapplika għall-assistenza mill-FSUE f'konformità mal-Artikolu 2(1) tar-Regolament.

L-awtoritajiet Torok stmaw il-ħsara diretta totali għal EUR 81,7 biljun, li minnhom il-Kummissjoni aċċettat EUR 78,8 biljun bħala ħsara diretta totali eliġibbli. Dan l-ammont qabeż il-limitu assolut applikabbli ta' "diżastru naturali maġġuri" ta' EUR 3 biljun fi prezzijiet tal-2011, li huwa ekwivalenti għal EUR 3,804 biljun fi prezzijiet tal-2023. Dan għalhekk ikkwalifika d-diżastru bħala "diżastru naturali maġġuri".

Wara l-proposta tal-Kummissjoni COM (2023) 381 tat-23 ta' Awwissu 2023, fl-4 ta' Ottubru 2023 l-awtorità baġitarja approvat pagament ta' EUR 400 miljun mill-FSUE lit-Turkija. Fis-17 ta' Novembru 2023, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2023) 7975 li tat kontribuzzjoni finanzjarja mill-FSUE.

L-istatus tat-Turkija bħala pajjiż li qed jinneogzja l-adeżjoni mal-UE kien jirrikjedi li tiffirma Ftehim ta' Delega mal-Kummissjoni Ewropea. Dak il-Ftehim ġie ffirmat fi Frar 2024, li warajh tħallsu EUR 400 miljun fid-19 ta' April 2024.

L-ITALJA - GĦARGĦAR FIR-REĠJUN TAL-EMILIA-ROMAGNA

Bejn l-1 u s-17 ta' Mejju 2023, ir-reġjun tal-Emilia-Romagna tal-Italja ntlaqat minn xita qawwija u għargħar. Seba' provinċji fis-settur tal-Lvant Ċentrali tar-reġjun ġew affettwati, bi tnaqqis qawwi ħafna u xita kumulattiva għolja li sseħħ b'mod partikolari f'żoni bl-għoljiet u muntanjużi. Ix-xita kumulattiva totali kienet bejn 200 u 500 mm. Il-konsegwenzi tal-għargħar sussegwenti kienu severi. Minbarra t-telf ekonomiku estensiv li rriżulta mill-ħsara lill-infrastruttura u lill-assi pubbliċi u privati, 14-il persuna tilfu ħajjithom. Aktar minn 1 500 uqigħ tal-art ġew ikkawżati mill-kundizzjonijiet estremi tat-temp, li għamlu ħsara kbira lit-toroq, lill-bini, lill-utilitajiet pubbliċi u lill-korsiji tal-ilma.

L-awtoritajiet Taljani stmaw il-ħsara diretta totali għal EUR 8,53 biljun li l-Kummissjoni aċċettat bis-sħiħ. Dan l-ammont qabeż il-livell limitu ta' "diżastru naturali maġġuri" għall-Italja ta' 0,6 % tal-introġtu nazzjonali gross tagħha, li kien ekwivalenti għal EUR 3,8 biljun fl-2023. Dan għalhekk ikkwalifika d-diżastru bħala "diżastru naturali maġġuri".

Fl-24 ta' Lulju 2023, l-Italja ppreżentat applikazzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FSUE għall-finanzjament ta' operazzjonijiet ta' emerġenza u ta' rkupru wara l-għargħar ta' Mejju 2023. L-Italja talbet ħlas antiċipat.

Il-Kummissjoni tat ħlas bil-quddiem ta' EUR 94 708 385 lill-Italja bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C (2023) 7823 tat-13 ta' Novembru 2023. Dan l-ammont tħallas f'Novembru 2023.

Wara l-proposta tal-Kummissjoni COM (2024) 325 tas-27 ta' Awwissu 2024, l-awtorità baġitarja approvat pagament ta' EUR 378 833 540 mill-FSUE lill-Italja. Fit-18 ta' Diċembru 2024, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C (2024) 9259 li tat kontribuzzjoni finanzjarja mill-FSUE. Il-bilanċ ta' EUR 284 125 155 tħallas f'Diċembru 2024.

IS-SLOVENJA - GHARGHAR

Bejn it-3 u s-6 ta' Awwissu 2023, sistema b'saħħitha ta' pressjoni baxxa kkawżat xita estensiva fis-Slovenja. Xita torrenzjali kkaġunat għargħar, uqigħ tal-art u uqigħ ta' tajn. Il-biċċa l-kbira tal-preċipitazzjoni seħħet fin-nofs tat-Tramuntana tas-Slovenja fejn ġew irreġistrati sa 150-200 mm ta' xita. L-iskala tal-għargħar kienet bla preċedent u involviet l-akbar xmajjar tas-Slovenja. L-ilmijiet għoljin qerdu t-toroq, il-pontijiet, l-infrastruttura tal-ilma tax-xorb u tal-ilma mormi, l-infrastruttura tal-enerġija, l-ispazji urbani, l-art agrikola, u bosta djar.

L-awtoritajiet Sloveni stmax il-ħsara diretta totali għal kważi EUR 10 biljun, li minnhom il-Kummissjoni aċċettat EUR 7,32 biljun bħala ħsara diretta totali eliġibbli. Dan l-ammont qabeż il-livell limitu ta' "diżastru naturali maġġuri" għas-Slovenja ta' 0,6 % tal-introjtu nazzjonali gross tagħha, li kien ekwivalenti għal EUR 308,8 miljun fl-2023. Dan għalhekk ikkwalifika d-diżastru bħala "diżastru naturali maġġuri".

Fl-20 ta' Ottubru 2023, is-Slovenja ppreżentat applikazzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FSUE għall-finanzjament ta' operazzjonijiet ta' emerġenza u rkupru wara li seħħ l-għargħar f'Awwissu 2023. Is-Slovenja talbet ħlas bil-quddiem.

Il-Kummissjoni tat avvanz ta' EUR 100 000 000 lis-Slovenja bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C (2023) 8168 tat-23 ta' Novembru 2023. Dan l-ammont tħallas f'Diċembru 2023.

Wara l-proposta tal-Kummissjoni COM (2024) 325 tas-27 ta' Awwissu 2024, l-awtorità baġitarja approvat pagament ta' EUR 428 405 059 mill-FSUE lis-Slovenja. Fl-20 ta' Novembru 2024, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C (2024) 8331 li tat kontribuzzjoni finanzjarja mill-FSUE. Il-bilanċ ta' EUR 328 405 059 tħallas f'Diċembru 2024.

L-AWSTRIJA - GĦARGĦAR

Bejn it-3 u s-6 ta' Awwissu 2023, xita qawwija kkawżat ħsara lil firxa ta' infrastruttura pubblika u privata fin-Nofsinhar tal-Awstrija, b'mod partikolari fin-Nofsinhar ta' Carinthia u Styria. Ix-xita għarrqet il-bini, il-kantini, il-garaxxijiet, il-foresti u l-għelieqi u kkawżat aktar minn 900 fluss ta' tajn u uqigħ tal-art. Aktar minn 120 municiplità ġarrbu ħsara mill-maltempati, inkluż qtugħ iżolat tal-enerġija minħabba livell għoli ta' ilma ta' taħt l-art. Ġew irrappurtati wkoll ħsarat fi provinċji ġirien bħal Salzburg u Burgenland.

L-awtoritajiet Awstrijaçi stmaw il-ħsara diretta totali għal EUR 208 miljun li l-Kummissjoni aċċettat. Huma ppreżentaw applikazzjoni skont il-kriterju ta' "diżastru naturali ta' pajjiż ġar", li skontu l-assistenza mill-FSUE tista' tiġi mobilizzata wkoll għal kwalunkwe diżastru naturali fi Stat eliġibbli li jkun ukoll "diżastru naturali maġġuri" fi Stat eliġibbli ġar. Peress li l-istess diżastru naturali kkwalfika bħala "diżastru naturali maġġuri" fis-Slovenja, l-applikazzjoni tal-Awstrija kienet eliġibbli għal kontribuzzjoni mill-FSUE mingħajr livell limitu speċifiku.

Fid-19 ta' Ottubru 2023, l-Awstrija ppreżentat applikazzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FSUE għall-finanzjament ta' operazzjonijiet ta' emerġenza u ta' rkupru wara l-għargħar f'Awwissu 2023.

Wara l-proposta tal-Kummissjoni COM (2024) 325 tas-27 ta' Awwissu 2024, l-awtorità baġitarja approvat pagament ta' EUR 5 199 245 mill-FSUE lill-Awstrija. Fis-16 ta' Diċembru 2024, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2024) 8860 li tat kontribuzzjoni finanzjarja mill-FSUE. Il-kontribuzzjoni tħallset f'Diċembru 2024.

IL-GREĊJA – L-GĦARGĦAR FIR-REĠJUN TA' THESSALY

Bejn l-4 u l-11 ta' Settembru 2023, maltempata qawwija u mifruxa li pproduċiet livelli estremi ta' xita nfirxet minn partijiet tal-Greċja, u rriżultat f'għargħar katastrofiku f'diversi postijiet fiċ-ċentru tal-pajjiż, b'mod partikolari f'Tessalija. Ix-xita kumulattiva totali kienet bejn 400 u 1 000 mm fir-reġjuni affettwati. Matul il-maltempata, il-biċċa l-kbira tar-reġjun irċieva l-ekwivalenti tal-valur medju ta' xita ta' sena. Ix-xita torrenzjali kkawżat għargħar kbir fiċ-ċentru tal-Greċja, u ħalliet żoni vasti taħt l-ilma. L-għargħar ikkawża ħsara serja lill-infrastruttura, biddel it-toroq fi xmajjar, waqqa' l-bini u l-pontijiet, u ħalla villaġġi sħaħ mgħarrqa. Minbarra t-telf ekonomiku estensiv li rriżulta mill-ħsara lill-infrastruttura u lill-assi pubbliċi u privati, 17-il persuna tilfu ħajjithom.

L-awtoritajiet Griegi stmaw il-ħsara diretta totali għal EUR 2,33 biljun li l-Kummissjoni aċċettat. Dan l-ammont qabeż il-livell limitu ta' "diżastru naturali maġġuri" għall-Greċja ta' 0,6 % tal-introjtu nazzjonali gross tagħha, li kien ekwivalenti għal EUR 1,09 biljun fl-2023. Dan għalhekk ikkwalfika d-diżastru bħala "diżastru naturali maġġuri".

Fl-20 ta' Novembru 2023, il-Greċja ppreżentat applikazzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FSUE għall-finanzjament ta' operazzjonijiet ta' emerġenza u ta' rkupru wara l-għargħar f'Tessalija f'Settembru 2023. Il-Greċja talbet ħlas antiċipat.

Il-Kummissjoni tat avvanz ta' EUR 25 382 237 lill-Greċja bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C (2024) 505 tat-23 ta' Jannar 2024. Dan l-ammont tħallas fi Frar 2024.

Wara l-proposta tal-Kummissjoni COM (2024) 325 tas-27 ta' Awwissu 2024, l-awtorità baġitarja approvat pagament ta' EUR 101 528 949 mill-FSUE lill-Greċja. Fit-22 ta' Novembru 2024, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2024) 8417 li tat kontribuzzjoni finanzjarja mill-FSUE. Il-bilanċ ta' EUR 76 146 712 tħallas f'Diċembru 2024.

FINANZJAMENT

L-ammonti individwali ta' assistenza proposti mill-Kummissjoni ġew ikkalkulati bl-użu tal-metodu li ġie deċiż fl-2002 u ġie applikat fil-każijiet sussegwenti kollha. Huwa bbażat fuq il-ħsara diretta totali aċċettata kkawżata mid-diżastru b'rabta mal-ġid relattiv tal-istat affettwat kif rifless mil-livell limitu għal diżastru maġġuri (ara l-Anness I).

Għaldaqstant, għal “diżastri naturali maġġuri”, tiġi applikata sistema progressiva f'żewġ stadji li biha l-pajjiż jirċievi rata aktar baxxa ta' għajjnuna ta' 2,5 % tal-ħsara diretta totali għall-parti tal-ħsara taħt il-limitu u rata oġhla ta' għajjnuna ta' 6 % għall-parti tal-ħsara li taqbeż il-limitu. Iż-żewġ ammonti huma miżjuda flimkien. “Diżastri naturali reġjonali” u “diżastri naturali ta' pajjiż ġar” jirċievu 2,5 % tal-ħsara diretta totali.

Ladarba l-Parlament Ewropew u l-Kunsill kienu approvaw il-mobilizzazzjoni tal-FSUE u għamlu l-appropriazzjonijiet baġitarji meħtieġa disponibbli fil-baġit tal-UE, il-Kummissjoni adottat deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni li jagħtu l-assistenza lill-pajjiżi individwali u mbagħad ħallset l-ammont sħiħ. F'każijiet fejn inġhata pagament antiċipat, tħallas biss il-bilanċ tal-kontribuzzjoni sħiħa.

L-annessi tad-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni inkludew deskrizzjoni ġenerika tal-użu maħsub tal-flus, elenkaw l-awtoritajiet nominati mill-Istati benefiċjarji biex jipproċessaw il-kontribuzzjoni tal-FSUE u semmew l-awtorità indipendenti responsabbli għall-awditjar u l-kontroll.

Matul il-perjodu ta' rapportar, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, bħala l-awtorità baġitarja, approvaw tliet kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-FSUE kif propost mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha għall-mobilizzazzjoni tal-FSUE fi grupp wieħed:

- Fit-28 ta' Awwissu 2023, il-Kummissjoni ħarġet proposta³ għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-FSUE biex tingħata assistenza lir-Rumanija, lill-Italja u lit-Turkija wara diżastri naturali fl-2022 u fl-2023. Din il-proposta kienet akkumpanjata mid-Deċiżjoni Nru 10/2023 li pproponiet it-trasferiment ta' EUR 446 836 375 mil-linja ta' riżerva tar-Riżerva ta' Solidarjetà u Għajjnuna ta' Emerġenza (“is-SEAR”) għal-linja baġitarja operazzjonali tal-FSUE, kemm f'impenji kif ukoll f'pagamenti.

Il-proposta ġiet adottata mill-awtorità baġitarja fl-4 ta' Ottubru 2023 li tat EUR 454 835 030 f'assistenza mill-FSUE lil: (i) ir-Rumanija fir-rigward tan-nixfa fis-sajf tal-2022; (ii) l-Italja fir-rigward tal-ġhargħar fir-reġjun tal-Marche f'Settembru 2022; u (iii) it-Turkija fir-rigward tat-terremoti fi Frar 2023. Wara l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni rispettivi li jagħtu l-assistenza, fl-14 ta' Diċembru 2023 tħallsu EUR 33 895 935 lir-Rumanija, fl-14 ta' Diċembru 2023 tħallsu EUR 20 939 095 lill-Italja, u fid-19 ta' April 2024 tħallsu EUR 400 000 000 lit-Turkija.

REVIŻJONI TA' NOFS IT-TERMINU TAL-QAFAS FINANZJARJU PLURIENNALI 2021-27

F'Ġunju 2023, minħabba domandi dejjem akbar fuq il-FSUE, il-Kummissjoni pproponiet bħala parti mir-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) li żżid il-limitu massimu tar-Riżerva ta' Solidarjetà u Għajjnuna ta' Emerġenza (SEAR), inkluż il-FSUE, b'EUR 2,5 biljun (fi prezzijiet tal-2023) għall-4 snin li jifdal tal-QFP 2021-27. L-għan ta' din il-proposta kien li tissaħħaħ il-kapaċità tal-UE li tirispondi għal kriżijiet u

³ COM(2023) 381 tat-23.8.2023.

sitwazzjonijiet ta' emerġenza. Ir-reviżjoni ta' nofs it-terminu ġiet iffinalizzata fl-2024, u l-eżitu tagħha se jiġi analizzat fir-rapport annwali tal-FSUE għall-2024.

GĦELUQ

L-Artikolu 8(3) tar-Regolament jistabbilixxi li fi żmien 24 xahar mid-data tal-iżborż tal-kontribuzzjoni finanzjarja, l-Istat benefiċjarju jrid jippreżenta rapport dwar l-eżekuzzjoni finanzjarja (“rapport ta' implimentazzjoni”) b'dikjarazzjoni li tissostanzja n-nefqa (“dikjarazzjoni ta' validità”).

Il-Kummissjoni għalqet żewġ każijiet tal-FSUE fl-2023.

L-Ungerija, il-pandemija tal-COVID-19 fl-2020: il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FSUE kienet tammonta għal EUR 39 723 926. L-awtoritajiet Ungeriżi ppreżentaw ir-rapport ta' implimentazzjoni u d-dikjarazzjoni ta' validità f'Ġunju 2022. Abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Ungerija, in-nefqa eliġibbli ammontat għal EUR 39 723 926 u ma nstabet l-ebda irregolarità. Il-Kummissjoni sabet li ma kienet meħtieġa l-ebda korrezzjoni finanzjarja, u l-fajl ingħalaq f'Ottubru 2023.

L-Italja, it-temp estrem fl-2019: il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FSUE kienet tammonta għal EUR 211 707 982. L-awtoritajiet Taljani sottomettew ir-rapport ta' implimentazzjoni u d-dikjarazzjoni ta' validità fi Frar 2023. Abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Italja, in-nefqa eliġibbli ammontat għal EUR 213 626 902.82 li kienet aktar mill-kontribuzzjoni tal-FSUE. Il-Kummissjoni sabet li ma kienet meħtieġa l-ebda korrezzjoni finanzjarja, u l-fajl ingħalaq f'Diċembru 2023.

KONKLUŻJONIJIET

Fl-2023, kompliet ix-xejra lejn diżastri naturali severi, minn għargħar bla preċedent fl-Unjoni għal terremot katastrofiku fit-Turkija.

Dawn l-avvenimenti mhux biss ħallew il-ħajjiet mejta iżda poġġew ukoll pressjoni enormi fuq l-ekonomiji u l-ekosistemi tal-Unjoni u tal-pajjiżi kandidati, filwaqt li enfasizzaw il-ħtieġa urġenti għal azzjoni koordinata biex jiġi miġġieled it-tibdil fil-klima u tinbena r-reżiljenza għall-futur.

Dawn id-diżastri jpoġġu wkoll pressjoni fuq il-baġit diġà mġebbed tal-FSUE. L-EUR 400 miljun imħallsa lit-Turkija huma l-ogħla ammont ta' assistenza li qatt tħallas lil pajjiż li qed jinnegozja l-adeżjoni mal-UE. Dan l-ammont imħallas mill-FSUE huwa sinifikanti meta mqabbel mal-baġit totali tal-FSUE għall-2023 li kien biss ta' EUR 500 miljun fi prezzijiet tal-2011 u EUR 662,45 miljun fi prezzijiet tal-2023. Fl-istess ħin, il-pagament bil-quddiem ta' EUR 100 miljun lis-Slovenja wara l-għargħar f'Awwissu 2023 kien ukoll rekord għoli għall-FSUE.

Bħala konklużjoni, id-daqs tal-applikazzjonijiet għall-assistenza li waslu fl-2023 u ż-żieda fil-pressjoni fuq il-baġit tal-FSUE kkonfermaw il-ħtieġa sinifikanti għall-appoġġ tal-Fond.